# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru, 2016**

**Talba Nru: 327/2014/VG**

**Middlesea Insurance plc (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Ann Jones (ID Nru 0441100L) u l-istess Ann Jones u b'digriet datat 16 ta' Gunju, 2015 l-isem Middlesea Insurance plc gie sostitwit bl-isem ta' Mapfre Middlesea plc**

**vs**

1. **Waldorf Auto Services Co Ltd**
2. **Pater Holdings Co Ltd**
3. **Meridian Enterprises Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fid-19 ta' Mejju, 2014** u li permezz taghha talbu lis-socjetajiet intimati ihallsuhom is-somma ta' elfejn tlett mija u hamsin euro [€2,350] u dan wara li ppremettew hekk:

> "L-atturi qed jitolbu minghand il-konvenuti jew min minnhom is-somma ta' elfejn tlett mija u hamsin ewro (€2350) in kwantu ghal

elfejn mitejn u wiehed u disghin ewro u seba u sebghin centezmu (€2291.77) rapprezentanti d-danni sofferti mill-assigurata Ann Jones, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici Middlesea Insurance plc in forza tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u in kwantu ghal bilanc rimanenti ta' tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) bhala excess li ghalihom ghamlet tajjeb l-attrici Ann Jones, liema danni gew sofferti fil-jiem ta' bejn it-2 u t-3 ta' Settembru 2012 gewwa Valley Road, Msida meta, filwaqt li l-vettura tat-tip Hyundai Getz bin-numru tar-registrazzjoni CEC-143, proprjeta tal-attrici Ann Jones u assigurata mas-socjeta attrici Middlesea Insurance plc, kienet fil-kustodja tal-konvenuti jew min minnhom sabiex isirulha xi riparazzjonijiet fuq talba tal-attrici Ann Jones, il-vettura sofriet hsara kbira beyond economical repair wara li intlaqtet minn gharar u dana peress li l-konvenuti jew min minnhom ma hadux il-prekawzzjonijiet necessarji fil-perjodu meta l-vettura kienet fdata fil-kustodja taghkom sabiex ma ssirilhiex hsara.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra bonarja datata 13 ta' Novembru 2012 u l-ittra gudizzjarja datata 17 ta' Mejju 2013 u bl-imghax legali mit-22 ta' Mejju 2013 (id-data tan-notifika tal-ittra gudizzjarja) sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti jew min minnhom, li minn issa huma ngunti in subizzjoni".

**Ra r-risposta tas-socjetajiet intimati minnhom pprezentata fis-27 ta' Gunju, 2014** u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi fl-ewwel lok, is-socjetajiet konvenuti jeccepixxu illi l-hsarat subiti mill-atturi graw b'accident jew b'forza magguri a tenur tal-artikolu 1029 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi, in aggunta ma' dak appena premess, is-socjetajiet konvenuti tirrileva illi fid-data tal-incident de quo, u cioe fit-3 ta' Settembru 2012, il-gzejjer Maltin intlaqtu minn maltempata qawwija u inaspettata li halliet herba shiha f'diversi lokalitajiet partikolarment fic-centru u n-nofsinhar ta' Malta fejn jinsab l-istabbiliment tas-socjetajiet konvenuti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Kwindi, l-imsemmija socjetajiet qatt ma tista tistab responsabbli ghal xi dannu versu l-atturi;

3. Illi ghalhekk, it-talbiet tas-socjetajiet konvenuti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti fl-intier taghhom;

4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-entita tad-danni pretizi mill-atturi huwa kontestat. Ghaldaqstant l-atturi ghandhom jressqu l-ahjar prova tad-danni skond il-ligi;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi, bl-ispejjes kontra l-atturi".

Ra l-verbal tal-24 ta' Marzu, 2015 u li permezz tieghu d-difensuri tal-partijiet qablu li l-provi li qeghdin jingabru fit-talba fl-ismijiet A.L.M. Enterprises Limited vs U.C.I.M. Co. Ltd et bin-numru 536/2014 ikunu jifformaw parti mill-provi f'din it-Talba.

Ra l-verbal datat 25 ta' Novembru, 2014 tat-talba fl-ismijiet A.L.M. Enterprises Limited vs U.C.I.M. Co. Ltd et bin-numru 536/2014 u li permezz tieghu, d-difensuri tal-partijiet qablu li x-xhieda fil-kawza GasanMamo Insurance Limited vs UCIM Co. Limited (Numru 750/13/JRM) ghandha tghodd bhala provi f'dawn il-proceduri u b'hekk m'hemmx il-htiega li dawk in-nies li xehedu jergghu jitilghu, salv dejjem ghad-dritt tas-socjeta rikorrenti li taghmel il-kontro-ezamijiet relattivi.

Ra l-verbal datat 18 ta' Novembru, 2015 fejn id-difensur tas-socjetajiet konvenuti Dr. Alessia Zammit McKeon iddikjarat li l-assistiti taghha ma humiex jikkontestaw il-validita u l-quantum indikat fid-dokumenti mmarkati bhala dok. KC1 sa KC17.

Ra l-ahhar verbal fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti tal-kawza fl-ismijiet GasanMamo Insurance Limited vs UCIM Co. Limited (Numru 750/13/JRM);

Ra ukoll id-dokumenti u l-atti tat-talba fl-ismijiet A.L.M. Enterprises Limited vs U.C.I.M. Co. Ltd et bin-numru 536/2014

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-hlas minghand is-socjetajiet intimati s-somma ta' €2350 in kwantu ghal €2291.77c rapprezentanti d-danni sofferti mill-assigurata Ann Jones, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta rikorrenti Middlesea Insurance plc in forza tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u in kwantu ghal bilanc rimanenti ta' €58.23 bhala *excess* li ghalihom ghamlet tajjeb ir-rikorrenti Ann Jones, liema danni gew sofferti fil-jiem ta' bejn it-2 u t-3 ta' Settembru 2012 gewwa Valley Road, Msida meta, filwaqt li l-vettura tat-tip Hyundai Getz bin-numru tar-registrazzjoni CEC-143, proprjeta tar-rikorrenti Ann Jones u assigurata mas-socjeta rikorrenti Middlesea Insurance plc, kienet fil-kustodja tas-socjetajiet intimati jew min minnhom sabiex isirulha xi riparazzjonijiet fuq talba tar-rikorrenti Ann Jones, il-vettura sofriet hsara kbira *beyond economical repair* wara li intlaqtet minn gharar u dana peress li s-socjetajiet intimati jew min minnhom ma hadux il-prekawzzjonijiet necessarji fil-perjodu meta l-vettura kienet fdata fil-kustodja taghhom sabiex ma ssirilhiex hsara. Is-socjetajiet intimati laqghu ghal din it-talba billi qalu li l-hsarat

subiti graw b'accident jew b'forza magguri a tenur tal-artikolu 1029 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u li dan qeghdin jghiduh peress li fid-data tal-incident de quo, u cioe fit-3 ta' Settembru 2012, il-gzejjer Maltin intlaqtu minn maltempata qawwija u inaspettata li halliet herba shiha f'diversi lokalitajiet partikolarment fic-centru u n-nofsinhar ta' Malta fejn jinsab l-istabbiliment taghha. Ghalhekk, komplew ighidu li huma qatt ma jistghu jinstabu responsabbli ghal xi dannu versu r-rikorrenti. Konsegwentement, komplew issostnu, t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront taghhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti fl-intier taghhom. Minghajr pregudizzju ghal dan kollu, huma qalu ukoll li l-entita tad-danni pretizi mir-rikorrenti huwa kontestat u li ghalhekk huma ghandhom iressqu l-ahjar prova tad-danni skond il-ligi.

Ikkunsidra;

2. A skans ta' ripetizzjonijiet inutili, t-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni moghtija minnu llum stess fit-Talba fl-ismijiet A.L.M. Enterprises Limited vs U.C.I.M. Co. Ltd et bin-numru 536/2014, liema raggunament japplika ukoll ghal dan il-kaz odjern.

3. B'zieda ma dak li inghad fl-imsemmija decizjoni t-Tribunal jirrileva li f'dan il-kaz, il-vettura tar-rikorrenti kienet lesta mix-xoghol li l-intimati kellhom jaghmlu fuqha l-Gimgha 31 ta' Awwissu, 2012 permezz ta' zewg short messaging system (sms) li intbaghtu lilha ftit qabel is-7:00a.m. L-ewwel sms kien inbaghat biex jinfurmaha li x-xoghol fuq il-vettura kien lest filwaqt li fit-tieni sms intbaghtilha l-kont. Jidher li r-rikorrenti ma marritx tigbor il-vettura taghha f'din id-data u t-Tnejn 3 ta' Settembru, 2012 sehhet il-maltempata. Carmel Galea, parts manager mas-socjeta UCIM Co. Ltd, qal li dak-in-nhar tat-3 ta' Settembru, 2013 huwa kien mar ghax-xoghol bil-vettura tieghu u dan peress li ilmijiet ma kienx hemm l-ghaliex kien telaq kollox. Imbaghad wara nofsinhar reggha sehhet maltempata ohra. Ix-xhud qal li huwa dahhal il-vettura tieghu fil-garaxx ta' fejn kien isir ix-xoghol fuq il-vetturi tal-klijenti u dan sabiex ma tibqax barra habba l-ilmijiet li kien hemm. Il-fatt pero li r-rikorrenti ma marritx ghal vettura taghha

immedjatament ma jnaqqas xejn mill-obbligu fuq l-intimati li jiehdu hsieb il-vettura taghha galadarba din kienet fil-pussess taghhom.

4. Ghar-rigward tal-quantum tad-danni subiti, t-Tribunal jaghmel referenza ghal dak verbalizzat mid-difensur tas-socjetajiet intimati fit-18 ta' Novembru, 2015 fejn inghad li ma hijiex tigi kkontestata l-validita u l-quantum inikat fid-dokumenti immarkati bhala dok. KC1 sa dok. KC17 (ara talba numru 536/14 min fol. 113 il-quddiem). It-Tribunal, apparti dan, huwa sodisfatt bid-dokumentazzjoni esebita ghar-rigward tad-danni u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti sejrin jigu milqugha.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mis-socjetajiet intimati in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lis-socjetajiet intimati, in solidum bejniethom, sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn tlett mija u hamsin euro [€2,350] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mit-22 ta' Mejju, 2013 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mis-socjetajiet intimati.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**